MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2011

Numru. 96/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR BERNARD SPITERI**
**KONTRA**

**BARRY JOHN GRANT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Barry John Grant ta' 27 sena, bin Simon John u Marie Sylvana nee' Urpani, mwieled Northamption, Ingilterra nhar it- 23 ta' Marzu 1983, residenti 159, Sylvana House Triq Ignazio Saverio Mifsud, B'Kara u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 149703(L);

Li giet mressqa quddiemha sabiex twiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli f’ dawn il- Gzejjer, nhar it- 2 ta’ Jannar 2011, ghal habta tal- 5.00am minn Triq Salvu Psaila, B’Kara u/ jew fil-vicinanzi;

1) Ikkommetta serq ta’ mutur Wonjan, tal- kulur blue bin- numru tar- registrazzjoniHBD 863, liema serq huwa kkwalifikat bil- valur li jaqbez €2,329.37, bil- hin u xorta tal-haga misruqa ghad- dannu ta’ Rudi Mifsud Bonnici;

2) Aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi volotarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara taqbez €116.47, izda mhux €1,164.49 u li saret ghad- dannu ta’ Rudi Mifsud Bonnici u jew persuni ohra;

3) Aktar talli fi Triq Wied, B’Kara nhar it- 2 ta’ Jannar 2011, ghall- habta tal- 5.30am, ikkommetta serq ta’ battery, cwievet u oggetti ohrajn minn gewwa ufficju tal-Kumpanija Rizzo Service Station, liema serq huwa aggravat bil- valur li jaqbez €239.94 izda li ma jaqbizx €2,329.37, bil- mezz u bil- hin, ghad- dannu tas- sidien u diretturi tal- istess petrol station;

4) U aktar talli waqt li kien fi Triq Wied, B’Kara, nhar it- 2 ta’ Jannar 2011 ghall- habta tal- 5.30am bil- hsieb li jaghmel delitt, u cioe’ serq minn ATM Machine u Air Machine li jinsabu f’ Rizzo Service Station, wera dan il-hsieb b’ atti esterni u ta bidu ghall- esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill- volonta’ tieghu u li kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil- valur li jaqbez €2,329.37 bil- mezz u bil- hin ghad- dannu tas- sidien u diretturi tal- istess petrol station;

5) Aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara taqbez

€1164.49 u li saret ghad- dannu tas- sidien u diretturi tal-istess petrol station;

6) U aktar talli kiser il- provediment tal- Probation a tenur tal- Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta fejn kien gie misjub hati, b’ sentenza tal- Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Antonio Mizzi LL.D datata 12 ta’ Novembru 2010, u liberat bil- kundizzjoni kontemplati fl- istess Artikolu, kif ukoll kiser il- provediment tal- Probation a tenur tal- Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn kien gie misjub hati, b’ sentenza tal-Qorti tal- Magistrati (Malta) Magistrat Dott. Consuelo Scerri Herrera LL.D datata 23 ta’ Novembru 2010, u liberat bil- kundizzjonijiet kontemplati fl- istess Artikolu, liema sentenzi saru defenittiviu ma jistghux jigu mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputata irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

Rat illi, ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 392A, bl-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta’ Gudikatura Kriminali, u ghalhekk setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza.

Rat illi l-imputat gia’ kien tressaq tlitt ijiem qabel din id-data u gie kkundannat ghal reati ohra, f’liema sentenza inghata provvediment kontra l-imputat ghall-ksur tas-sentenzi indikat fis-sitt imputazzjoni, u ghaldaqstant il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ dik l-imputazzjoni;

Rat illi r-aba’ imputazzjoni tat-tentattiv ta’ serq ma wassal ghal ebda kommissjoni ta’ reat iehor, u dan peress illi l-imputat waqaf milli jkompli jwettaq is-serq indikat f’dik l-imputazzjoni minghajr ma kien lahaq ikkommetta reat iehor;

**Ikkunsidrat:**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, il-Qorti qed issibu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghaldaqstant sejra tghaddi minnufih ghas-sentenza. Il-Qorti giet infurmata li kwantu ghall-ewwel zewg imputazzjonijiet, il-“quad bike” misruq gie ritornat lil sidu, ghalkemm kienet saritlu hsara minima fic-cavetta tal-“ignition”. L-oggetti ndikati fit-tielet imputazzjoni misruqa mill-imputat baqghu ma nstabux, ghalkemm dawn l-oggetti kellhom valur minimu. Ghalhekk, il-piena ghal dawn ir-reati hu ta’ bejn tlittax-il xahar u seba’ snin prigunerija, ghas-serq ikkwalifikat bil-valur, u ta’ bejn hames xhur u tlitt snin, ghas-serq minuri.

Kwantu, inoltre, ghar-raba’ u l-hames imputazzjoni, il-Qorti giet infurmata li l-imputat ma kien lahaq seraq xejn mill-ATM indikata, peress illi hu waqaf minn jeddu milli jkompli t-tentattiv ta’ serq, u ma kien lahaq wettaq ebda reat iehor bl-agir tieghu, kif jipprefiggi l-Artikolu 41(1)(b) tal-Kap 9. Ghalhekk il-Qorti tista’ tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ dik l-imputazzjoni. Il-hames imputazzjoni, li tittratta l-hsara volontarja lill-istess magna ATM, tirrisulta li hi ammessa, u ghal dik biss hemm piena ta’ bejn tlittax-il hahar u erba’ snin prigunerija, skond l-Artikolu 325(1)(a) tal-Kap 9. Is-sitt imputazzjoni tirrisulta li gia’ giet trattata minn din il-Qorti diversament presjeduta, meta l-imputat inghata sentenza fit-3 ta’ Jannar, 2011, u s-sentenzi hemmhekk indikati gew ikkunsidrati mil-Qorti. Ghalhekk, bl-assorbiment tal-piena ghat-tieni imputazzjoni fl-ewwel, peress illi dik kienet mezz ghall-fini, bl-astensjoni tar-raba’ u s-sitt imputazzjonijiet, u bil-konkors tar-reati u pieni ai termini tal-Artikolu 17 tal-Kap 9, l-imputat sejjer jinghata terminu ta’ prigunerija ta’ sentejn.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 267, 270, 271, 279, 325, 41 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sentejn prigunerija.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------